**28 ta' April, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Saviour Petroni

*versus*

Joseph Rossignaud ne.

**Sigurtà Nazzjonali — Disgrazzja — Benefiċċju tal-Korriment — Arbitraġġ — Art. 19(4) tal-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali.**

*Għall-finijiet tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali, disgrazzja li tiġri fil-kors tal-impjeg ta' persuna assigurata għandha titqies ukoll, f'nuqqas ta' prova kuntrarja, li ġrat minħabba dak l-impjeg; u hekk tintitola lill-impjegat għall-benefiċċju tal-korriment.*

*Din hija preżunzjoni "juris tantum", li għalhekk tista' tiġi mwaqqa' bil-provi kuntrarji; imma sakemm din il-prova kuntrarja ma ssirx, dik il-preżunzjoni tibqa' sseħħ, u l-im-*

*pjegat għandu jiġi ammess biex jibbenefika mill-benefiċċju tal-korriment minħabba d-disgrazzja li ġratlu.*

Dan hu appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru taħt l-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali;

Din id-deċiżjoni tgħid hekk:—

"Id-deċiżjoni tiegħi hija li l-appellant bata korriment li ġara b'disgrazzja li ġrat minħabba l-impieg tiegħu; u għalhekk id-disgrazzja li ġratlu kienet disgrazzja tax-xogħol fis-sens tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali; u għalhekk huwa ntitolat għall-benefiċċju tal-korriment;

"Saviour Petroni, l-appellant, huwa mpjegat bħala "store-man" mal-Water & Electricity Department. Fil-21 ta' April 1960 huwa ġie ordnat mill-"Store Officer" tal-imsemmi dipartiment, Albert Galea, biex imur in-"New Power Station" ikejjel iż-żejt, u anki biex imur jiċċekkja xi stores fl-imħażen li l-imsemmi dipartiment għandu l-Menqa. Mill-post fejn kien l-appellant, jiġifieri l-"Old Power Station", għall-postijiet fejn ġie ordnat imur, huwa uża l-motor scooter tiegħu minflok il-mezz ta' transport li jipprovdilu d-dipartiment. Waqt li kien sejjer bil-motor scooter, dan skiddja, u l-appellant weġġa rkoptu x-xellugija, u minħabba dan il-korriment dam xahar mingħajr ma jaħdem. L-appellant għalhekk għamel talba għall-benefiċċju tal-korriment; però din it-talba ġiet miċħuda mid-Direttur, billi dan iddeċieda li l-appellant ma kienx korra minħabba u fil-kors tax-xogħol tiegħu. L-isemmi Saviour Petroni qiegħed issa jappella minn din id-deċiżjoni;

"Bejn il-partijiet kontendenti ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-appellant korra, u li korra fil-kors tal- impieg tiegħu (ara l-memorandum preżentat mid-Direttur mar-risposta tegħu tat-30 ta' Lulju 1960 u l-verbal li sar fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 1960); il-kontestazzjoni tirrigwarda biss il-punt jekk id-disgrazzja ġratx ukoll minħabba l-impieg tal-appellant;

"In meritu għal dan il-punt in kontestazzjoni, l-art. 19(4) tal-Att fuq imsemmi jistabbilixxi preżunzjoni, billi

jipprovdi li, għal-finijiet tal-Att fuq imsemmi, disgrazzja li tiġri fil-kors tal-impjeg ta' persuna assigurata għandha titqies ukoll, f'nuqqas ta' prova kuntrarja, li ġrat minħabba dak l-impjeg. Fil-fehma tiegħi, fil-każ in eżami din il-prova kuntrarja ma teżistix;

"Id-Direttur qiegħed jikkontendi li din il-prova kuntrarja għandha tiġi riskontrata fiċ-ċirkustanza li l-korriment kien dovut għad-deċiżjoni tal-appellant li jkopri d-distanza bejn il-post tax-xogħol u l-ieħor bil-motor scooter, meta huwa ma kienx imġiegħel u lanqas obligat jagħmel hekk; b'dan il-mod, ikompli jsostni d-Direttur, l-appellant żied perikolu, u l-korriment li dderiva minnu ma għandux jitqies bħala korriment li ġara minħabba l-impiegi tal-appellant, imma pjuttost bħala derivanti mill-att tal-appellanti li mhux inċidentali għal dak l-impieg;

"Skond l-opinjoni tiegħi, it-teżi tad-Direttur mhix sostenibbli; (a) għaliex dak li għamel l-appellant għamlu bl-approvazzjoni tas-superjuri tiegħu, (b) u għalhekk huwa ferm dubbjus, skond l-ispirtu tal-liġi in eżami, jekk il-prinċipju tal-"added peril" jistgħax ikollu applikazzjoni prattika ħlief fil-każi ta' mġieba ħażina gravi jew frawdolenti ta' persuna assigurata;

"Ma jistgħax ikun hemm dubju li l-appellant kellu l-approvazzjoni ta' dak li għamel. Infatti, li "store officer" fix-xhieda tiegħu jgħid:— "Jiena kont naf illi l-appellant kien sejjer juża t-transport tiegħu, jiġifieri l-motor scooter li għandu. Jiena ppermettejt dan, sija għaliex kien aktar konvenjenti għall-appellant, billi f'nofs inhar kien jista' jibqa' sejjer id-dar dritt sija anki għaliex kien ekonomiku għad-dipartiment, billi b'dan il-mod kienu jiġu ffrankati ħafna traġitti, ċjoè mill-"Old" għan-"New Power Station" għal darbtejn (fol. 12 tal-proċess);

"Inoltre, jekk wieħed jeżamina l-ispirtu tal-liġi in eżami, partikolarment l-art. 20, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li l-element importanti u deċiżiv fi kwistjonijiet simili huwa jekk l-att tal-persuna assigurata sarx għall-iskopijiet u dwar l-impieg tagħha jew le; f'każ affermattiv, disgrazzja għandha titqies li ġrat minħabba u fil-

kors tal-impieg tal-persuna assigurata, għalkemm fil-ħin li tkun ġrat d-disgrazzja dik il-persuna kienet qegħdha tikser xi liġi applikabbli għall-impieg tagħha, jew kienet qegħedha tikser xi ordnijiet maħruġin mill-prinċipal tagħha jew f'ismu, jew kienet qegħdha taġixxi mingħajr l-istruzzjonijiet tal-prinċipal tagħha. Issa, fil-każ in ispeċje ma jistgħax ikun hemm dubju li dak li kien qed jagħmel l-appellant meta korra kien qiegħed jagħmlu għall-iskopijiet u dwar l-impieg tiegħu; u jekk, skond l-art. 20 tal-Att fuq imsemmi, huwa kien ikun intitolat għall-benefiċċju tal-korriment anki kieku fil-ħin tad-disgrazzja kien qed jikser xi liġi jew xi ordni, kemm aktar huwa għandu jkollu dritt għal dan il-benefiċċju meta dak li kien qiegħed jagħmel kien qed jagħmlu bl-approvazzjoni tal-prinċipal tiegħu;

"Għal dawn ir-raġunijiet, prevja revoka tad-deċiżjoni tad-Direttur, nilqa' l-appell ta' Savour Petroni, billi niddikjara li huwa bata korriment b'disgrazzja li ġrat minħabba u fil-kors tal-impieg tiegħu; u għalhekk huwa ntitolat għall-benefiċċju tal-korriment in bażi għall-art. 19 tal-Att fuq imsemmi";

Id-Direttur ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-Arbitru, u appella lil din il-Qorti, u talab li tiġi revokata, billi tiġi konfermata d-deċiżjoni tiegħu stess, fis-sens li l-appellat Petroni mhux intitolat għall-benefiċċju; bl-ispejjeż kollha kontra l-istess appellant;

L-appellat wieġeb illi d-deċiżjoni tal-Arbitru hi ġusta u tisthoqq li tiġi konfermata; bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant;

Il-Qorti, wara li rat l-inkartament u semgħet it-trattazzjoni, ikkunsidrat;

Mir-rikors tal-appell mhux ċar għal kollox x'inhu tassew l-aggravju tal-appellant. F'parti waħda jingħad illi, billi l-partijiet qablu bejniethom fuq il-kontest tal-fatti, ma kienx hemm għalfejn wieħed jgħaddi għall-istadju ulterjuri tal-provi; f'parti oħra, mbgħad, jingħad illi l-provi biex jiskonfiġġu l-preżunzjoni "juris tantum" saru, iżda l-

Arbitru ma kkunsidrahomx fil-meritu, u assuma li ma sarux;

Il-verità hi illi l-provi saru u l-Arbitru kkunsidrahom, u wara li għamel dan ikkonkluda illi huma ma kienux kuntrarji għal dak li tistabbilixxi l-preżunzjoni tal-liġi. "Dan" hu dak li jfisser il-kliem li hemm fid-deċiżjoni tal-Arbitru, illi "fil-każ in eżami din il-prova kuntrarja ma teżistix", ċjoè ma turix il-kuntrarju;

Mill-korp tad-deċiżjoni appellata ma hi bl-ebda mod suffragata l-allegazzjoni tal-appellant fis-sens illi l-"Arbitru" donnu ried jagħti lill-preżunzjoni s-saħħa ta' preżunzjoni "juris et de jure". Kull ma għamel l-Arbitru kien biss illi, wara li eżamina ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ taħt eżami, wasal għall-konklużjoni illi dawn ma kienux juru illi ma għandiex topera l-preżunzjoni; għalhekk irritjena illi l-korriment sar mhux biss waqt jew fil-kors tal-impieg, kif ammess mill-appellant, iżda anki "minħabba l-impieg";

Din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni u mar-raġunijiet li fuqhom hi bażata;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.